# Vini e Capricci onorati mill-Korporazzjoni Akwavitjeri Taljani

Is-sid ta' Vini e Capricci, Abraham Said, ġie maħtur Kavallier tal-*Corporazione degli Acquavitieri Italiani* (Korporazzjoni Akwavitjeri Taljani) tar-reġjun ta' Asti fl-Italja.

Dan kien ġest totalment mhux mistenni għas-Sur Said, avveniment li jibqa' jiftakru u li għalih kienet sorpriża għall-aħħar. Jirrakkonta kif ġara: "F'Novembru li għadda kont fuq btala mal-mara Michelle l-Italja u morna nżuru d-Distillerie Berta f'Asti, fil-Piemonte. Is-sid, Gianfranco Berta, qalli biex nieħu nota tad-data tat-23 ta' Mejju, 2014. 'Qis li tkun hawn,' qalli. 'Ikollna ċ-ċerimonja tal- Korporazzjoni Akwavitjeri'."

Żammew id-data u waslu ġurnata qabel. Dak in-nhar tal-avveniment marru d-distillerija filgħodu u staqsew fuq l-ilbies u fiex tikkonsisti ċ-ċerimonja. Is-sid, Gianfranco Berta, li hu l-Gran Mastru tal-Korporazzjoni Akwavitjeri Taljan, ma kienx hemm iżda ħuh Chicco ma tantx tahom informazzjoni u qalilhom biss biex ikunu hemm għall-5 p.m.

L-unika indikazzjoni li kellu s-Sur Said kienet talba għas-CV tiegħu ftit ġimgħat qabel. Qalulu li Gianfranco ried ikun jaf iktar fuq in-negozju tiegħu u minn fejn kien ġej allavolja Gianfranco kien telgħa Għawdex meta kien hemm il-ftuħ uffiċjali ta' Vini e Capricci f'Ottubru li għadda.

"Meta wasalna fl-4.50 p.m., irrealizzajt mill-ewwel li dan l-avveniment kien xi ħaġa iktar superjuri għal dak li stennejna. Bdejt ninnota ċerti karozzi jieqfu, kolla bid-driver, u malli tajna isimna fir-reception, ir-*receptionist* waħlitli kukkarda fuq il-lapel tal-ġlekk. Meta staqsejtha x'kienet qaltli: 'Inti wieħed mill-ippremjati illejla'," spjega s-Sur Said.

Dan ġiegħel is-Sur Said ikun emozzjonat ħafna. Ġie indikat biex isegwi dak li kienu se jagħmlu s-16 ippremjati l-oħra. Il-premjazzjoni saret fil-kantini ta' Distillerie Berta fost il-mijiet ta' btieti tal-injam tal-grappa. Fil-motivazzjoni kien hemm:

Ġej mill-gżira ta' Għawdex. Wara li kien mexxa l-*grocery* tal-familja tiegħu, is-Sur Said fl-1994 beda jaħdem fil-qasam tal-catering u tad-distribuzzjoni. Fl-2013 inawgura l-ftuħ ta Vini e Capricci, li minnu nibtet filosofija ġdida: l-arti ta' kif tixrob. Serati b'temi differenti, avvenimenti edukattivi, *tours* – kollha biex jgħallmu l-klijent kif għandu jduq, jgħaraf prodott ġdid sa jservih fit-tazza adattata biex jikkombinah tajjeb b'taħlita perfetta ta' tisjir, arti, inbid u grappa.

Fid-diskors tiegħu qabel ma saret il-premjazzjoni tas-Sur Said bħala Kavallier tal-Korporazzjoni Akwavitjeri Taljani, Gianfranco Berta qal: "Ġej minn Malta, iżda iktar minn hekk, minn gżira żgħira fil-Mediterran, Għawdex, li tagħha inti ambaxxatur.

"Il-baħar u l-artijiet tagħha huma stupendi, l-ikel eċċellenti, iżda iktar minn kull ħaġa oħra n-nies jilqgħuk, u kollox hu mmirat perfettament biex dawk li jżuruha jistgħu jirrilassaw ruħhom. U inti bħal Għawdex, tiftaħ il-bieb ta' darek. L-enoteka tiegħek ma tbiegħx biss prodotti iżda tgħallem in-nies kif japprezzaw il-prodott u jgħixuh. Kull min jidħol fl-enoteka tiegħek isib dinja lesta biex jitgħallem fuqha u jsir jafha."

Fir-risposta tiegħu is-Sur Said, li kien kommoss għall-aħħar, qal li ma stenniex jiġi onorat b'dak il-mod. "Jiena kuntent li, fiż-żmien qasir li qattajtu Għawdex, apprezzajtu l-isbuħija tal-gżira u x'hemm fl-inħawi, u rajtu wkoll ix-xogħol li nagħmlu f'Vini e Capricci, anki jekk fiċ-ċokon tiegħu," hu qal.

In-nies l-oħra li rċevew dan l-unur kienu: il-ġurnalist, xandar u kittieb Antonio Preziosi; il-*jockey* Giovanni Atzeni; in-negozjant u imprenditur Giuseppe Minna; ix-chef bi tlett stilel tal-Michelin minn Osaka fil-Ġappun, Kunio Tokuoka; id-direttur maniġerjali tal-ispeċjalisti tad-dawl Triom SpA u l-espert fuq l-inbid Alessio Caputo; il-professur tal-istrateġija tal-marketing Fabrizio Mosca; il-president tal-Konfederazzjoni tal-Artiġġjani ta' Viċenza Agostino Bonomo; il-president tal-Assoċjazzjoni l-Italja fid-Dinja Franco Quaglia; l-onkoloġista u kirurgu Alberto Costa; ir-radjoterapista Umberto Ricardi; l-avukat taċ-ċivil u kittieb Andrea Marcinkiewicz; il-ġurnalista xandara Debora Rosciani; il-ġurnalista fuq l-agrikultura ekonomika Paolo Massobrio; l-espert tar-relazzjonijiet industrijali Francesco Monticelli; ix-xandar tal-isports Pierluigi Pardo; u l-avukat, xandar fuq l-isports u espert fuq il-Juventus Massimo Zampini.

Is-serata kompliet fuq it-terrazzin li jinsab fuq il-kantini fejn ġie servut aperitif u wara daħlu fil-mużew tad-distillerija għal gala dinner. Fost il-mistiedna distinti kien hemm personalitajiet magħrufa fil-media Taljana, ġurnalisti Taljani u personalitajiet mid-dinja tal-isports – fil-fatt il-membri tal-assoċjazzjoni huma kollha nies mil-qasam tal-gastronomija, sport, ġurnaliżmu u kultura.

**– TMIEM –**




**Gianfranco Berta, Grand Master of the *Corporazione degli Acquavitieri Italiani* (right) inducting Vini e Capricci owner Abraham Said**




**Abraham Said speaking after his induction as a Knight of the *Corporazione degli Acquavitieri Italiani***



**Abraham Said speaking after his induction as a Knight of the *Corporazione degli Acquavitieri Italiani* with Gianfranco Berta, Grand Master of the *Corporazione degli Acquavitieri Italiani* (right) and Master Kepper of the Seals Elio Archimede**



**Abraham Said (front, third from left) with the other 16 newly inducted Knights and Dames stand below the Council, headed by Grand Master Gianfranco Berta (centre)**



**Abraham Said (left) with lawyer, sports broadcaster and Juventus aficionado Massimo Zampini**



**Abraham and Michelle Said at the gala dinner that followed the investiture**



**Abraham Said (left) with Alberto Zaccheroni, the former Torino footballer**



**Abraham Said next to one of the distillers at the Berta establishment in Asti**